**21 ta' Mejju, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Rev. Padre Carmelo Maria Farrugia

*versus*

John Zammit et

**Inkompetenza "ratione materiae" — kompetenza ċivili u kummerċjali.**

*Hija regola, in materja ta' determinazzjoni bejn kompetenza ċivili u kummerċjali, li din tiddependi min-natura ta' l-obbligazzjoni b'riferenza għall-konvenut obbligat meta tista' tkun ta' natura kummerċjali għal waħda biss mill-partijiet kontraenti.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi b'kuntratt tas-sebgħa (7) ta' Frar, elf tmien mija u ħamsin (1850) in atti Giuseppe Antonio Parodi (Dok. "A") ikkonċeda in enfitewsi temporanea għal mija u ħamsin

(150) sena (dekorribbli mid-dsatax (19) ta' Novembru, 1846) lil Guglielmo Laferla sit tal-kejl ta' tlett mija u sitta u tletin (336) qasab kwadri, tas-Sliema, li l-lum hija pjazzetta magħrufa bħala "Għar id-Dud Square";

Omissis.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Ronald Baldwin fil-kwalità tiegħu ta' Senior Surveyor of Lands, Mediterranean, li biha......Omissis......qal ukoll li dina l-Qorti mhijiex kompetenti "ratione materiae" peress li l-kustjoni hija materja ċivili;

Omissis.

*Ikkunsidrat:*

Illi skond ma hu xieraq id-deċiżjoni preżenti, kif jirriżulta mill-verbali tas-seduti tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar u ta' l-għoxrin ta' Marzu 1964, qegħda tiġi limitata għall-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione materiae" sollevata mill-konvenuti Ronald Baldwin nomine (*li minfloku l-lum jidher* Alfred Brettel Dain nomine), John Zammit u Stella Azzopardi; mill-konvenuti l-oħrajn Ugo Sant Fournier nomine semma li m'għandux interess f'dina l-kawża mentri Joseph Gasan nomine ta' eċċezzjonijiet biss fil-meritu;

Illi hija regola, in materja ta' determinazzjoni bejn kompetenza ċivili u kummerċjali, li din tiddependi minn natura ta' l-obbligazzjoni b'riferenza għall-konvenut obbligat meta tista' tkun ta' natura kummerċjali għal waħda biss mill-partijiet kontraenti. *Fil-każ preżenti l-meritu jirrigwarda l-konċessjoni enfitewtika msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni* li kienet saret f'epoka meta ħaġa immobili (kif hu l-utili dominju) ma setgħetx tiffforma oġġett tal-kummerċ; il-konsegwenza hi li dika l-konċessjoni, indipendentement min-natura personali tal-istess

kontraenti, bil-fors twieldet bħala att ta' natura ċivili fih innifsu u kwindi hekk għandha tibqa' konsidrata, u ta' l-istess natura ċivili għalhekk huma l-kustjonijiet li jirrigwardaw l-istess konċessjoni bħala tali kif ċertament tirrigwarda t-talba attriċi ta' l-lum;

Illi l-fatt li l-lum ħwejjeġ immobbli jistgħu jifformaw oġġett ta' atti ta' kummerċ ma għandux ibiddel in-natura oriġinali ta' l-obbligazzjoni speċjalment meta jiġi konsidrat li skond l-att stess tal-konċessjoni l-iskop kommerċjali ma jidhirx li kien *preżenti (konċess li seta' jeżisti)* fl-enfitewta, tant li l-konċedenti stess (ara fol. 8, salva r-riżerva hemm indikata) tant il-fakoltà li ma jibnix fuq is-sit in kwistjoni kif qabel kienu ftehmu u hekk, b'intiża bejn is-subenfitenti (att a fol. 34), dana s-it ma ġiex żviluppat kommerċjalment sal-lum. L-istess ħaġa għandu jingħad dwar il-fatt li l-lum, xi ħadd mill-konvenuti — *aventi kawża mill-enfitewta oriġinali — huwa kommerċjant* mentri l-oħrajn m'humiex: anzi dina l-possibilità ta' kwalità differenti fil-konvenuti hija argoment favur il-pirnċipju fuq ennunċjat li l-kompetenza tiġi prinċipalment determinata min-natura oriġinali tal-obbligazzjoni u hekk mill-kwalità ta' l-awtur komuni, billi hu ovvju li l-istess kustjoni li tolqot lill-diversi nies għandha tiġi diskussa u soluta mill-istess Qorti; dina l-istess Qorti trid tkun dik indikata mill-konsiderazzjonijiet imsemmija, li jindikaw il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux lil dina l-Qorti li ġiet adita. Ikompli isaħħaħ dina l-konklużjoni l-fatt li dina l-Qorti ġiet deklinata mill-maġġoranza tal-konvenuti billi allura dina jekk milqugħa l-eċċezzjoni, kif għandha tiġi milqugħa, issir inkompetenti għall-konvenuti kollha; hija n-natura tal-ħaġa, oġġett tal-kawża, li però hija l-bażi prinċipali ta' dina l-konklużjoni u l-inkompetenza tal-Qorti kienet tkun sollevabbli "ex officio" kieku ma ġietx sollevata minn x'uħud mill-konvenuti;

Għal dawna l-motivi:—

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tagħha "ratione materiae" bl-ispejjeż kontra l-atturi nomine.